MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2008

Numru. 184/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**Versus**

**Elton Brincat**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Elton Brincat ta’ 28 sena mwieled Attard fit-23 ta’ Settembru 1978 bin Paul u Mary Ghigo residenti 47 Triq Ġużeʼ Bajada Hamrun detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 461878 (M)

Akkużat talli fil-25 ta’ Ġunju, 2007 u matul dan l-aħħar xhur ġewwa l-Gżejjer Mlatin b’diversi atti magħmulin b’riżoluzzjoni waħda:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma keinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-Dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma keixn bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li forni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur ta' l-artikolu 9 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta ***liema drogs nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.***

2. Akkużat ukoll talli fil-25 ta' Ġunju 2007 naqas milli jħares waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta (Maġistrati Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. u Dottor L.Quintano Ll.D) b'digriet ta' nhar id-19 ta' Jannar 2005 u l-25 ta' Frar 2005 li bih ingħata l-ħelsien mill-aresst taħt depożitu, garanzija u diversi kundizzjonijiet u dan ai termini ta' l-artikolu 578(2)(3) tal-Kap 9;

Għaldaqstant il-Qorti ntalbet biex tirrevoka contrario imperio d-digriet tagħha tal-ħelsien mill-arrest ta' Elton Brincat u tordna r-riarrest tiegħu u kif ukoll tordna li s-somma ta' Lm250 bħaka depożitu u s-somma ta' Lm10,000 garanzija personali li hija parti mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien ta' l-arrest għandha tiġi konvertita a facur il-Gvern ta' Malta minħabba li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet ta' l-Onorabbli Qorti;

3. Illi l-imputat huwa reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li diġa' kien

ikkundannat għal reat b'sentenza mill-Qrati tal-Maġistrati li saret definittiva.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tas-26 ta' Ġunju 2007, il-fedina penali ta' l-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu bin-numru 4618 ta' l-1978, l-istqarrija tiegħu a fol.10, id-dokument MT1 (fol.35), MT2 (Fol36), u d-Dok MT3 a fol.37 bl-aħħar żewġ dokumenti jkunu sentenzi mogħtija fil-konfront ta' l-imputat (bl-ewwel waħda, dik tat-13 ta' Settembru 2001 tkun tpoġġja taħt probation u għalhekk m'għandha ebda valur għar-reċidiva), il-ħatriet ta' l-esperti l-Ispiżjar Mario Mifsud kif ukoll tas-Sur Martin Bajada, ir-rapport ta' l-espert Martin Bajada iżda mhux ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud minħabba li dan ma setax jespleta l-inkarigu mogħti lilu għaliex l-istrument kien bil-ħsara, u r-rapport tal-Probation Officer.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

Ikkonsidrat li:

(i) Dwar it-tieni imputazzjoni diġa' ppronunzjat ruħha din il-Qorti kif diversament preseduta (ara fol.2) u għalhekk din il-Qorti mhix ser tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni; u

(ii) A fol.80 fis-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2008, l-imputat ammetta il-pussess sempliċi biss dwar l-ewwel imputazzjoni.

(iii) Illi fit-trattazzjoni l-Prosekuzzjoni qablet mad-difiża li l-każ jirriduċi ruħu għall-pussess sempliċi għaliex wara li tkompliet l-investigazzjoni mhix f'pożizzjoni li tipprovdi evidenzaz oħra biex tipprova li l-imputat kellu l-intenzjoni li jqassam id-droga lil xi persuni. Barra minn hekk, l-ammont involut kien żgħir. (Ara fol.85). Fl-istqarrija ta' l-imputat hemm ammissjoni li l-imputat kein fil-pussess ta' l-eroina u li hu kien jieħu kull jum.

Il-Qorti eżaminat l-istqarrija ta' l-imputat fejn fiha ta spjega soddisfaċenti dwar il-flusli kellu fuqu u ammetta li l-borża żgħira li nstabet fuqu kienet tiegħu u li din kien fiha t-trab

eroina. Dan l-ammont kien iservih tlitt ijiem. Huwa kien xtraha bil-prezz ta' Lm20. Huwa kien spjega wkoll li d-diversi ismijiet kienu ta' nies li keinu ħallsu tad-detergents li kien ibigħilhom missieru.

Għalhekk, il-Qorti, wara li rat l-ammissjoni ta' l-imputat, l-istqarrija tiegħu, ir-rapport ta' Martin Bajada kif ukoll is-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni, qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel imptuazzjoni sal-grad ta' pussess sempliċi ta' eroina u mhux fil-grad ta' pussess aggravat.
.
Fis-sentenza mogħtija fit-13 ta' Marzu, 2006 l-imputat kien ikkundannat iħallas multa ta' Lm200 u għalhekk it-tielet imputazzjoni (dik dwar ir-reċidiva) kienet ippruvata mill-Prosekuzzjoni.

Mix-xhieda ta' Ms Marilyn Attard, Probation Officer, jidher li l-imputat issa qabad it-triq it-tajba, qed jaħdem ma' missieru u għandu support mill-familja.

Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 kif ukoll ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, l-artikoli 579(2)(3) u l-artikoli 18, 49 u 50 tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni iżda fil-livell ta' pussess sempliċi biss liema reat huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni, mhix tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante li diġa' ppronunzjat ruħha din il-Qorti kif diversament preseduta, u qed issibu ħati tat-tielet imputazzjoni.

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(f) tal-Kap 9, qieset ir-rapport tal-Probation Officer u fliet sew il-fedina penali ta' l-imputat qed tikkundanna lill-imputat iħallas multa ta' €700 li tista' titħallas b'rati ta' 70Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir f'mhux aktar minn erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa, u jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Il-Qorti qed tikkundanna wkoll lill-imputat iħallas l-ispejjeż ta’ l-esperti skond kif jindika r-Reġistratur u li żgur jitilgħu għall-anqas għal €500.53.

Min-naħa l-oħra l-Qorti qed tordna r-rilaxx tal-flus li kienu ppreżentati favur l-imoutat stante li ma kienx ippruvat li l-imputat kellu l-intenzjoni li jispaċċja. Dan l-ammont jista’ jkun parzjalment paċċut mal-multa jew mal-ħlas ta’ l-esperti bi ftehim amr-reġistratur.

Fl-aħħarnett il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------